**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2017

Talba Numru: 389/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 26

**Go p.l.c. (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**

**vs**

**Mulvaney Yasmineanna Isabelle (127499M)**
**Victoria, Flat 9,**
**Triq Luqa Briffa,**
**Naxxar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Settembru, 2016 illi permezz tiegħu s-Socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf erba' mija tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€1,462.96c)

rapprezentanti kwantu ghal tmien mija u sittin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€860.26c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40366569 u sitt mija u tnejn ewro u sebghin centezmu (€602.70c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40482139.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta,hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lil konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' elf, erba' mija tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€1,462.96c) bl-imghaxijiet legali mid-data tad-19 ta' April, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjal 612/16, huma a kariku tal-konvenuta .

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**